# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 6 ta' Mejju 2002**

**Avviz. numru 437/00**

**Numru 22**

**Herbert Naudi ghan-nom ta' Active Enterprises Company Limited**

**vs**

**Jason Briffa**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur nomine ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tmien mija u disgha u sebghin lira Maltin (Lm879) import ta' tlett kambjali mill-konvenut accetti u ffirmati fil-15 ta' Dicembru 1999 li mmaturaw fil-15 ta' Jannar 2000, fil-15 ta' Frar 2000 u fil-15 ta' Marzu 2000. Il-kambjali huma annessi mal-avviz u mmarkati Dok A, B u C u huma ezebiti animo ritirandi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali tad-19 ta'Jannar 2000 u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju prezentat mal-avviz.

Bl-imghaxijiet legali. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi kambjalijiet a fol 2 sa fol 4 tal-atti u markati <u>Dok A, B u C;</u>

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attur nomine sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fl-24 ta' April 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm879.00,0 bl-imghaxijiet legali mid-data ta' skadenza ta' kull kambjala esebita mal-atti, sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk

tal-ittra legali tad-19 ta' Jannar 2000 u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju tas-6 ta' April 2000, imsemmi fl-istess avviz.

Alan Calleja
Deputat Registratur